# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru: 2788

**Kaz Nru: 3872/JB**

Fil-Kwistjoni ta’ Xoghol

bejn:

Glenn Caruana (K.I. 392677 M)

u

Actavis Ltd (C 2867)

Illum : 3 ta’ Dicembru 2021

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.*

**Chairperson: Is-Sur John Bencini, B.A. (Hons)., Lic. Phil, M.O.M.**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta’ rikors mill-Avukat Amadeus Cachia fl-4 ta’ Awissu 2020.

Ir-rikorrent, is-Sur Glenn Caruana, ddikjara li kien impjegat bhala *Technical Assistant* fuq-bazi *full-time* ma’ Actavis Limited kif indikat mid-dokumentazzjoni esebita ma dan ir-rikors DOK A.

Id-dokumentazzjoni mmarkata DOK B tindika li gie tterminat mill-impieg fid-19 ta’ Frar, 2020. Minkejja li huwa sar jaf bit-tali dokument, huwa ghamel zmien rikoverat l-isptar minhabba problemi mentali u sahansitra ftit wara li hareg, bdiet l-imxija tal-COVID 19. Minkejja l-problemi kbar ta’ sahha li huwa kien qieghed jiffaccja, huwa kemm il-darba pprova jikkomunika mal-HR tal-post tax-xoghol u

dawn tawh x'jifhem illi ser ssir komunikazzjoni mieghu f'qasir zmien sabiex isiru certu diskussjonijiet.

Ir-rikorrent jiddikjara li r-raguni msemmija ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kien dak ta' "Rizenja-Abbanduna l-post tax-xoghol". L-esponent ihoss illi t-terminazzjoni tieghu mill-impjieg huwa wiehed ingust u llecitu fit-termini tal-ligi u talab lit-Tribunal Industrijali jakkorda dak il-kumpens li jidhirlu opportun fic-cirkostanzi u skond il-ligi.

Minn naha taghha s-Socjeta' intimata ddikjarat illi tterminat ix-xoghol tas-Sur Glenn Caruana skont il-ftehim kollettiv li hemm vigenti bejn is-Socjeta' u l-General Workers Union.

Illi s-Socjeta rrilevat illi wara numru ta' assenzi-awtorizzati fix-xahar ta' Jannar 2020, fil-11 ta' Frar 2020, ir-rikorrent ma marx ghax xoghol fil-gurnata li r-rikorrent stess kien avza li sar jerggha jidhol ghax-xoghol u anqas ma' informa lis-*supervisor* tieghu li hu kien ser jkun assenti mix-xoghol.

Fix-xahar ta' Frar 2020, huwa kien baqa assenti sad-19 ta' Frar, 2020 u tuwl dan iz-zmien, huwa qatt ma ghamel kuntatt mas-Socjeta' ntimata. Fi Frar 2020, meta r-rikorrent kien assenti ghal tul ta' zmien minghajr awtorizzazzjoni, is-Socjeta' ntimata applikat il-klawsoli relevanti fil-ftehim kollettiv vigenti dwar x' ghandu jsir meta mpjegat jkun assenti mix-xoghol minghajr awtorizzazzjoni. Fuq dan il-punt ghandu jinghad li l-klawsola 19.3 tal-ftehim kollettiv tghid is-segwenti: *"If an employee is absent from work without due notice for three days in any calendar days, they will become liable to suspension of up to three working days. Should unauthorized absence exceed three days in a period of 30 calendar days, the employee will become liable to be dismissed".*

Illi, ukoll fil-21 ta' Frar 2020, is-Socjeta' Intimata nfurmat il-General Workers ' Union li hija tterminat l-impieg tar-rikorrent a bazi tal-klawzola 19.3 tal-ftehim kollettiv, u f'din il-komunikazzjoni hija nfurmat il-Union li ppruvat taghmel kuntatt ma r-rikorrent u li hallew *voice message* fejn infurmaw lir-rikorrent li l-impieg tieghu kien qed jigi tterminat. Wara dan u precizament f' Marzu 2020, is-socjeta' ntimata wara t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent, u minkejja dan, is-Socjeta' ntimata kienet disposta tara jekk kienx possibbli li r-rikorrent jmur lura fil-post tax-xoghol, izda dan ma kienx possibbli f'dak l-istadju.

**<u>Provi</u>**

F' dawn il-proceduri xehdu: r-rikorrent is-Sur Glenn Caruana, is-Sur Joseph Camilleri, Direttur HR, is- Sur Robert Cassar, *Manager House Keeping*, is-Sur Wayne Portanier, Dr. Anthony Dimech, Konsulent Psikjatra.

Ir-rikorrent fl-Affidavit tieghu stqarr li kien ghaddej minn zminijiet difficli kawza ta' diversi mwiet fil-familja fosthom il-kugin tieghu li miet bil-kancer wara disa' (9) snin ta' tbatija kontinwa. Ohtu qabadha kancer fil-gilda u ghaddiet minn zmien ikrah hafna.

Bhala rizultat ta' dan kollu, fi kliemu, *"qabadni depression u bdejt niehu s-Sick Leave. Bdejt nghid dak kollu li kont ghaddej minnu lill-imghallem tieghi s-Sur Robert Cassar. Mieghu kont niftah qalbi ghax kont inhossni komdu nitkellem mieghu. Hu dejjem kien jghidli biex meta nhoss il-bzonn, niehu Sick Leave. Kull meta xi hadd mill-haddiema kienu jiehdu Sick fit-tul id-Dipartiment ta' HR kienu jwissuhom u jikkuntattjawhom minn qabel. Minhabba c-cirkustanzi tal-kaz uniku tieghi meta cempluli l-HR, kont spjegat dan kollu li kont ghaddejn minnu, Hadd ma qalli xejn. Izda wara baghtu ittra direttament lil Jobs Plus fejn infurmawhom li l-impieg tieghi gie terminat...... Id-dipressjoni tieghi kompliet*

*tizdied tant li darba sahansitra ppruvajt inwettaq suwicidju..... Fortunatament hija u ohti salvawli hajti u cemplu lill-Psikjatra li kont taht idejh, is-Sur Anthony Dimech. Dan dahhalni l-isptar Mater Dei fil-Psychiatric ward biex nircievi kura....Ghamilt zmien l-isptar bdejt inhossni ahjar, pero' kellhom jibghatuni lura d-dar minhabba l-preparazzjoniet tal-COVID 19.".... Kien hemm xi zminijiet li ma kontx nirraporta Sick, izda dan ma kontx naghmlu bi traskuragni jew nuqqas ta' rispett lejn il-Management jew lejn shabi. Semplicement mohhi ma kienx qed jahdem sew. Is-sewwa ma kontx naf x'inhu f'dawk iz-zminijiet."*

Fit-23 ta' Ottubru 2020 xehed is-Sur Joseph Camilleri fejn sarulu mistoqsijiet mill-Avukat Lara Pace li dehret ghas-Socjeta' ntimata u kontro-ezami tal-Avukat Francesca Zarb. Is-Sur Camilleri ta' dettalji dwar il-granet li ir-rikorrent naqas milli jinforma lis-Socjeta' ntimata dwar meta kien ser jidhol lura ghax-xoghol. Ix-xhud irrefera ghal ftehim kollettiv li s-Socjeta' ntimata kienet iffirmat mal-General Workers Union. Hu rrefera ghall-Section 19, klawsola 19.3. Ix-xhud qal li *" jekk persuna jkollu unauthorized absence ta' tlett t'jiem within a period of 30 calendar days, allura l-kumpanija ghandha dritt tohrog suspensjoni. Jekk l-individwu over a 30-calendar window ikollu iktar minn tlett t' ijiem ta' unauthorized absence, allura l-kumpanija ghandha dritt illi tikkunsidrah, li tiehu dismissal approach".* Is-Sur Camilleri qal li informa lis-Segretarja tas-Sezzjoni fi hdan il-General Workers Union.... *"given l-istat li jiena ma stajtx nikkuntattja lil Mr. Caruana infurmajtha,okay? Biex anke jekk Mr Caruana ghamel referenza maghha ghal din id-decizjoni ghall-inqas taf x'gara u ma garax eccetra."*

Fuq mistoqsija tal-Avukat Lara Pace biex jiddeskrivi l-avvenimenti li graw f'Marzu, ix-xhud wiegeb li *" fil-bidu ta Marzu, kien gie impjegat iehor li huwa habib ta' Mr. Caruana, Reuben Agius u gabli dokumentazzjoni minn Dr Anthony jidhirli Dimech fejn fiha Dr. Dimech kien qed jispjegali illi Mr. Caruana*

*kien qiegħed fil-, kif taqbad tgħid, kien qed jittrattah, kien qed jiehu hsiebu from a health perspective and that was it." ..... unfortunately, dak iz-zmien zammejt kopja w umbagħad meta għalaqna kollox ma zammejthiex. ....... iddiskutejt din mal-General Manager tieghu, tagħna skuzani, u tlabna lil Mr Agius jagħti risposta lil Mr Caruana illi meta jfiq, meta jkun jerġa b'sahħtu li jista' jerġa jikkonsidra biex nghid hekk jiġi għax-xogħol billi jikkuntattjana u jinfurmana biex aħna niltaqgħu miegħu. Għamilna accenn ma' Mr. Agius li din m'hiex, li ma jtihx x'jifhem lil Mr Caruana li ser nerghu nimpjegawh. We just want to meet back with him biex nifhmu daqsxejn imma dik kienet".*

Fuq mistoqsija tal-Avukat Lara Pace jekk qatt sehhet dik il-laqgha, ix-xhud wiegeb *"Le, u umbagħad sometime in April kien hemm kuntatt minn Mr Caruana magħna. Kien hemm interess at that point in time li konna ser niltaqgħu, ultimately ma iltqajniex għax il-pozzizzjoni ta' Mr Caruana ma imlejnihiex. Jigifieri zammejniha vakanti kif kienet u at that point in time waqa' kull kuntatt. Fuq mistoqsija tal-Avukat Francesca Zarb li kienet qed tidher għar-rikorrent, jekk il-concern tal-kumpanija kienitx għala qiegħed jieħu hafna sick leave full-pay u mhux hafna unauthorized absence, is-Sur Camilleri wiegeb 'iva'.*

Is-Sur Cassar xehed li r-rikorrent kien wiehed mit-*Technical Assistant* li kien jaghmel xoghol kif kien mistenni. Il- *"main issues"* li l-Kumpanija ntimata kellha mieghu dejjem kienu fuq l-attendenza, nuqqas ta' attendenza fuq *sickness*, fuq *leave*, *urgent leave* u affarijiet simili.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2021 xehed Dr. Anthony Dimech, Konsulent Psikjatra. Dr. Anthony Dimech qal li jaf lil Is-Sur Glenn Caruana tramite l-professjoni tieghu billi gieli kkonsulta mieghu. Qal li ilu jsegwi lis-Sur Caruana minn Marzu, 2019. Dak iz-zmien qallu li kien tilef xi membri tal-familja u li kien

inkwetat hafna, qal ukoll li tax-xoghol kienu baghtuh ghand ir-Richmond Foundation. Dr. Dimech qal li rega rah fl-4 ta' Frar, u f' Marzu. 2020. Kien hawn li r-rikorrent informa lit-Tabib li kien inkwetat hafna ghax *"he was dismissed from work biex nikkwota ezatt, due to abandonment of place of work."* Fi Frar tas-sena ta' wara, it-tabib Dimech qal li Is-Sur Glenn Caruana infurmah li kien sejjer tajjeb u li kien sab xoghol iehor f'Awwissu 2020.

**<u>Trattazzjoni fil-Qosor</u>**

L- Avukat Lara Pace f' isem is-Socjeta' ntimata stqarret li *"dan il-kaz on the face of it, jigifieri x'hin taqra l-affarijiet, jidher li s-Socjeta'ntimata kienet forsi esagerata jew ingusta, imma jekk wiehed umbaghad jaqra x-xhieda kollha u dak li qal is-Sur Joe Camilleri u is-Sur Robert Cassar, johrog nahseb bic-car li s-Socjeta'ntimata dejjem pruvat tghin, tiehu pacenzja bir-rikorrent . Li gara huwa li f'Jannar u Frar tat-2020, ir-rikorrent kien ftiehem mas-Socjeta'ntimata wara li kien fuq long term sickness li ha jidhol lura fil-hdax ta' Frar u d-dati huma importanti. Ghaliex? Ghax id-dati jiskattaw imbaghad mekkanizmu fil-ftemim Kollettiv fejn jekk wiehed ikun assenti ghal numru ta' granet imbaghad is-Socjeta'ntimata tista tittermina. F'dan iz-zmien li hu kellu jidhol lura ghax-xoghol, ma kien hemm l-ebda forma ta' komunikazzjoni bejn ir-rikorrent u s-Socjeta'ntimata.*"
L-Avukat Pace kompliet tghid li kien ir-rikorrent stess li qal dan meta qal, *"Jien tkellimnt ma' Joe Camilleri, ghidlu li ha nidhol lura fit-tali data u mbaghad ma ergajtx kellimtu".*

L-Avukat kompliet tghid lis-Sur Joe Camilleri kien stqarr li hu pprova hafna jikkuntatja lir-rikorrent permezz ta' *telephone* u anke halla possibilment xi *'voice-message'* fuq it-*telephone* tieghu. Gara li mbaghad ir-rikorrent ikkomunika biss maghhom wara li ircieva t-*termination* tal-Jobsplus. Is-Socjeta'

ntimata applikat il-Klawsola fil-Ftehim Kollettiv, klawsola 9.3 wara li stenniet madwar gimgha peress li r-Rikorrent  qatt ma dahal ghax-xoghol. L-Avukat Lara Pace kkonkludiet li ma hemm l-ebda prova fil-process li juri li f' dak iz-zmien ir-rikorrent ma setax jikkomunika mas-Socjeta' ntimata, u dan gie kkonfermat mill-istess Psikjatra li fix-xhieda tieghu, huwa ma eskludiex il-possibilita' li r-rikorrent  jikkomunika mas-Socjeta' ntimata peress li f'dak iz-zmien ir-rikorrent  ma kienx taht kura medika. L-Aukata Pace qalet *" minkejja li jiena nempatizza jigifieri nifhem li -rikorrent  seta' kellu problemi kbar, dan ma jfissirx li huwa ma kienx kapaci jikkomunika mas-Socjeta'ntimata."*

L-Avukat Francesca Zarb ghar-rikorrent stqarret li ir-rikorrent kien ilu jahdem ma' Actavis Limited sa mill-2012. Kien jahdem bhala *Technical Assistant* u anke nghata *promotion* fi Frar ta' 2020. Kompliet tghid li l-impieg tieghu gie tterminat minghajr ma' kien hemm komunikazzjoni daparti tas-Socjeta'. Ir-raguni li nghata mill-Jobplus kien li r-rikorrent abbanduna l-post tax-xoghol. Fl-affidavit tieghu, l-istess rikorrent jitkellem dwar il-problemi li kien ghaddej minnhom u forsi hawnhekk huwa l-punt fejn ahna m' ahniex naqblu mas-socjeta'. L-Avukat  ghamlet accenn ghax-xhieda tal-konsulent psikjatra. Meta mistoqsi mit-Tribunal stess jekk ir-rikorrent setax b'xi mod jikkomunika mas-Socjeta' u x'jigri mill-aspett mediku meta persuna tkun qieghda f'dawk il-kondizzjonijiet, ir-risposta tal-psikjatra kienet kategorikament *' iva, jkun hemm cognitive disability fil-mohh tal-persuna u ta' kif dan qieghed jahdem..'*

L-istess rikorrent filfatt fil-konto ezami tieghu jghid meta mistoqsi ghaliex ma kellimhomx, irrisponda, *'Jien ma kontx f'pozizzjoni tajba illi nkellemhom.*" L-Avukat Francesca Zarb stqarret li is-Socjeta' ntimata tant kienet taf bil-problemi li kien qed jiffaccja ir-rikorrent li rreferietu ghand Richmond. L-Avukat kompliet tghid li r-rikorrent tkecca mix-xoghol ta' 43 u ghalhekk l-opportunitajiet li jsib xoghol m'humiex bhala wiehed ta' 25 sena. Apparti minn hekk, bil-problemi illi

huwa ammetta li ghandu li gibna l-prova li veru ghandu, dana kien hemm ammont kbir ta' danni li ma tistax tikkwantifikahom lanqas illi kienu fuq il-persuna tieghu tant li anke psikjatra jixhed illi llum il-gurnata huwa pre-okkupat immensament bil-kawza illi kellu jiftah eccetra eccetra. L- Avukat fl-ahhar stiednet lit-Tribunal illi jakkolji dak illi hemm fir-rikors promutur.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ghandu jikkonsidra jekk is-Socjeta' ntimata kinietx gusta u skont il-ligi meta itterminat l-impieg tar-rikorrent. It-Tribunal innota u qed jaghti importanza kbira ta' kif svolgew l-affarijiet specjalment fl-ewwel nofs ta' Frar 2020. It-Tribunal ma setax ma jiehux in-konsiderazzjoni il- fragilita' tar-rikorrent u l-fatt li r-rikorrent kellu jfittex ghajnuna medika peress li hu kien ghaddej minn perjodu difficli hafna. Il-qofol tal-problema hija marbuta madwar il-fatt li s-Socjeta' ntimata dehrilha li r-rikorrent kien fuq *' unauthorised leave'* bejn il-11 u 19 ta' Frar 2020 (seba' minnhom granet tax-xoghol).

It-Tribunal, mill-fatti u mill-provi migjuba, jemmen li c-cirkostanzi li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impieg ma kienux dawk ta' abbandun tal-impjieg. Meta wiehed jikkonsidra l-assjem kollu tal-provi, minkejja d-diffikultajiet medici li kellu r-rikorrent, wiehed jasal ghall-konkluzjoni li kien haddiem leali u ma kellu ebda nuqqasijiet oggettivi fil-kors tal-impjieg tieghu ghajr assenza mhux gustifikata ta' sebat ijiem xoghol. L-unika lamentela li s-socjeta' ntimata kellha fuq ir-rikorrent kienet li dan kien jaghmel uzu ampju mis-*sick leave* u forom ohra ta' *leave*. L-assenza tieghu minn fuq il-post tax-xoghol ghas-sebat' ijiem xoghol indikati kienet spjegabbli u r-ragunijiet medici serji wara din l-assenza kienu maghrufa mill-kumpanija intimata. Definitivament u minghajr l-ebda dubju, f' dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li ir-rikorrent 'abbanduna ix-xoghol'. In oltre, t-Tribunal xejn mhu sodisfatt bil-mod kif is-socjeta' ntimata ttentat topera

l-klawsola surriferita rigward assenzi mhux gustifikati biex tittermina l-impjieg tar-rikorrent fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. It-Tribunal huwa konvint li sew it-*text* kif ukoll l-ispirtu ta' dan il-klawsola tal-ftehim kollettiv ma huwiex li taghti *carte blanche* lill-*employer* li jkecci impjegat f'cirkostanzi bhal dawk tar-rikorrent imma biex tolqot kazijiet fejn l-assenza ma tkunx gustifikata b' non kuranza, negligenza grossolana jew kapriccjozament milli-impjegat. Dan zgur mhux il-kaz fir-rigward tar-rikorrent odjern.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal wara li ezamina s-sottomissjonijiet, ix-xhieda u d-dokumenti qed jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent kienet decizjoni sproporzjonata u ghalhekk ingusta u li ghalhekk hemm lok li jinghata kumpens.

Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' erbatax il-elf ewro (€14,000), liema kumpens ghandu jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

A tenur tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lill kull minn assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro u sbatax il-centezmu (€93.17) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat: Is-Sur John Bencini**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Daniela Attard**
**Ghas-Segretarja**